



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

11669/23

LIMITE

COLAC 91
POLCOM 159
SERVICES 36
FDI 23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0260 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim Qafas Avvanzat
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,
u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1), 100(2), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-Artikolu 218(7) u l-Artikolu 218(8), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...¹⁺, il-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim f'data aktar tard. Skont dik id-Deċiżjoni, id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li jinsabu fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, u d-Dikjarazzjoni Interpretattiva Konġunta dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni tal-Investment li jinsabu fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, it-tnejn meħmuża mal-Ftehim, ġew approvati f'isem l-Unjoni.
- (2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra (ĠU L, ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-deċiżjoni fid-dokument tal-Kunsill ST 11665/23 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

- (3) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova f'isem l-Unjoni ċerti modifiki għall-Ftehim li għandhom jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata skont l-Artikoli 28.20 u 41.7(14) tal-Ftehim, u minn korp stabbilit mill-Ftehim skont l-Artikolu 32.34 u s-subparagrafu (a)(x) tal-Artikolu 8.5(1) tiegħu.
- (4) Il-Ftehim ma jagħtix, f'konformità mal-Artikolu 41.10 tiegħu, fl-Unjoni drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Ċili, min-naħa l-oħra¹⁺, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 28.20 tal-Ftehim, kwalunkwe modifika jew ir-rettifika tal-Annessi 28-A u 28-B tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 32.34 u s-subparagrafu (a)(x) tal-Artikolu 8.5(1) tal-Ftehim, kwalunkwe emenda tal-Anness 32-C tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L ,

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ ir-referenza tal-ĠU għall-pubblikazzjoni tal-Ftehim li tinsab fid-dokument ST 11670/23.

Artikolu 4

Għall-finijiet tal-Artikolu 41.7(14) tal-Ftehim, dan li ġej għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni:

- (a) kwalunkwe emenda tal-appendiċijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid fl-Anness V tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra¹, iffirmit fit-18 ta' Novembru 2002 (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”), kif inkorporat fil-Ftehim;
- (b) kwalunkwe emenda tal-appendiċijiet tal-Ftehim dwar Kummerċ fix-Xorb Spirituż u x-Xorb Aromatizzat fl-Anness VI tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, kif inkorporat fil-Ftehim.

Artikolu 5

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 41.5(1), tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim².

¹ ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
